



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12512/23

LIMITE

**CORLX 826
CFSP/PESC 1180
RELEX 989
CONUN 224
MOG 113
CONOP 74
COARM 219
FIN 877**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra I-iran

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012
dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.
- (2) Jenħtieġ li l-entrata li tikkonċerna entità waħda deżinjata fl-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 tīgi aġġornata.
- (3) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 267/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Fl-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti f'attivitàjet nukleari jew relatati ma' missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jaġħtu appoġġ lill-Gvern tal-Iran", l-entrata li ġejja tissostitwixxi l-entrata korrispondenti fil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"148.	Iran Composites Institute (magħruf ukoll bħala Composites Research Laboratory (CRL))	Iran Composites Institute, Iranian University of Science and Technology, 16845-188, Tehran, Iran, Telefon: 98 217 3912858 Fax: 98 217 7491206 Posta elettronika: ici@iust.ac.ir Sit web: http://www.irancomposites.org	Iranian Composites Institute (ICI, magħruf ukoll bħala Composite Institute of Iran; Composites Research Laboratory (CRL)) qed jgħin lil entitajiet deżinjati fil-ksur tad- dispożizzjonijiet tas-sanzjonijiet tan-NU u l- UE fuq l-Iran u qed jappoġġa direttament attivitàjet nukleari tal-Iran sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni. Mill-2011, ICI kien ġie kkuntratt biex jipprovi lil Iran Centrifuge Technology Company (TESA), deżinjata mill- UE, bi skrejjen ta' ċentrifugu IR-2M.	22.12.2012".